MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 243/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Emmanuele Magro**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emmanuele Magro talli:

(1) nhar l-20 ta' April 2002, ghall-habta tal-11.00 a.m., fi Triq Manuel Magri, il-Hamrun, ikkommetta serq ta' 'mobile phone' u 'charger', ghad-detriment ta' Horace Anastasi liema oggetti kienu go vettura pparkjata u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni HJA-006, liema serq hu aggravat a) bil-valur, u dan bi ksur tal-Artikolu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u b) bix-xorta tal-haga misruqa, dan bi ksur tal-Artikolu 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Irrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 30.08.1982; 03.03.1995; u 18.10.1996 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat il-verbal ta' l-4 ta' Ottubru 2002 mnejn jirrizulta li waqt l-interrogatorju l-appellant (allura imputat) irregistra ammissjoni;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Dicembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-appellant, sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Emmanuele Magro pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2003 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha in kwantu l-piena li giet inflitta u minflok timponi piena gusta ghall-kaz odjern, u tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza l-fedina penali aggornata ta' l-appellant;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Jirrizulta mill-atti li fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2002 quddiem l-ewwel Qorti l-appellant (allura imputat) irregistra ammissjoni ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu. Fil-mori tal-kawza l-appellant hallas il-kumpens opportun lid-derubat (ara rcevuta a fol. 41 tal-process). Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli taghti kunsiderazzjoni xierqa ghal dan il-fatt meta giet biex tinfliggi l-piena. Ighid ukoll li, minkejja li huwa recidiv, l-ahhar kaz tieghu jmur lura numru ta' snin. Inoltre

jiddikjara li huwa lest ihaddan kull opportunita` li l-awtoritajiet jimponu fuqu.

Bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004:

*"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."*

Fil-kaz in ezami ftit hemm x'wiehed jista' jghid dwar l-ilmenti ta' l-appellant. L-appellant ammetta ghar-reat ta' serq aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa. Dan hu punibbli bi prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin b'dan li l-piena ghandu jkun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*. Dan ifisser li l-anqas piena possibbli trid tkun ta' terz ta' wiehed u tletin xahar, cioe` ghaxar xhur u ghaxart ijiem. In vista li l-appellant ammetta wkoll r-recidiva, din il-piena tista' tizdied sa mill-anqas tmintax-il xahar. Ghalhekk huwa zgur li l-appellant ma jistax jilmenta li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet esagerata; anzi, fil-konfront tal-piena li setghet tigi nflitta a bazi ta' l-ammissjoni ta' l-appellant, kienet effettivament pjuttost miti u sahansitra anqas mill-*minimum* stabbilit mil-ligi.

Ghall-finijiet ta' korrettezza din il-Qorti tixtieq tosserva li ghalkemm l-appellant gie addebitat bir-recidiva fir-rigward ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Awissu 1982, mill-fedina penali jirrizulta li ghar-reat li ghalih instab hati b'dik is-sentenza l-appellant kien inghata

"conditional discharge" a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152 ghal zmien sena, u ghalhekk ir-recidiva ma tapplikax (dan jghodd ukoll ghal meta persuna misjuba hatja ta' reat tinghata "absolute discharge" jew titqieghed taht probation)[1]. Barra minn hekk jigi osservat li fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Marzu 1995, mill-fedina penali jirrizulta li b'dik is-sentenza l-appellant kien gie kkundannat sena u sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn; billi minn meta skada l-imsemmi perijodu ta' sentejn sad-data li fih gie kommess ir-reat li ta lok ghas-segwenti proceduri ghaddew aktar minn hames snin, ir-recidiva applikabbli fir-rigward ta' din is-sentenza hi biss dik generali skond l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u mhux ukoll dik specifika skond l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali. Difatti r-recidiva skond l-artikolu 50 hi f'dan il-kaz applikabbli biss fir-rigward tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Ottubru 1996.

Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ghall-finijiet ta' korrettezza wkoll li, ghalkemm l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti, inkluz allura l-aggravju tal-valur fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni, l-ammont ta' kumpens li huwa hallas lid-derubat ghas-saldu kien ta' Lm85. Proprjament ghalhekk l-aggravju tal-valur ma kellux jirrizulta u l-piena fil-*minimum* (minghajr zieda minhabba r-recidiva) kellu jkun ta' hames xhur. Stante l-addebitu tar-recidiva pero`, anke f'tali kaz il-piena nflitta mill-ewwel Qorti ma tistax titqies bhala esagerata izda ferm ragonevoli.

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk din il-Qorti tqis l-ilmenti ta' l-appellant bhala nfondati u li jirrazentaw il-fieragh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

[1] Skond il-Probation Act (Kap 446); qabel il-Probation of Offenders Act (Kap 152).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------